# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M, LL.D.

Appell Nru: 129/2015

**Il-Pulizja**

**(Spettur Maria Stella Attard)**

**Vs**

**Thomas Spagnol**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Thomas Spagnol, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 349174 M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fid-9 ta LuIju, 2014, 09:00 AM bil-vettura EPY 024 gewwa Triq il-Missjunarji Maltin, Mosta: [1] saq vettura bil-mutur jew vettura ohra bi traskuragni; [2] saq vettura bil-mutur jew vettura ohra b' mod perikoluz; [3] saq vettura bil-mutur jew vettura ohra b' nuqqas ta' kont; [4] saq vettura bil-mutur fit-triq waqt li zamm jew uza b' idejh telefon cellulari jew xi apparat simili iehor li jinzamm fl-idejn waqt li l-vettura kienet miexja; [5] waqt li kien qed isuq vettura bil-mutur naqas li jieqaf f' post fejn hemm sinjal tat-traffiku li jindika 'Stop'; u [6] volontarjament kiser il-paci

pubblika u l-bon ordni b' ghajjat u storbju jew b' mod iehor. Il-prosekuzzjoni talbet li jkun skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-10 ta' Marzu, 2016, li biha sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u ikkundannatu sentenza ta' prigunerija ta' xahrejn (2) u ssospendietlu l-licenzja tas-sewqan tieghu ghall-perjodu ta' tlett (3) xhur;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Thomas Spagnol, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-16 ta' Marzu, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tirrevoka** s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni w htija, w alternattivament **tirriforma** s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha in kwantu l-piena inflitta u minflok timponi piena aktar gusta w ekwa skond il-ligi ghall-kaz odjern u tikkonfermha fil-bqija;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant ressaq erba' aggravji dwar is-sentenza in ezami. L-ewwel gravami huwa dwar l-apprezzament tal-fatti apparentement kwantu l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni. Fit-tieni aggravju, l-appellant jikkwerela l-presenza ta' Stop Sign u l-

obbligu tieghu li jieqaf kompletament. Fit-tielet lanjanza tieghu l-appellant jerga jikkwerela s-sejbien ta' htija dwar l-allegat sewqan traskurat, perikoluz u bla kont ghaliex l-akkadut sehh fi triq diversa minn dik deskritta fic-citazzjoni. Ir-raba' aggravju jitratta dwar il-piena. Ghalhekk l-ewwel tlett aggravji huma essenzjalment dwar l-apprezzament tal-fatti mill-ewwel Qorti u dan jirrikjedi ezami mill-gdid tal-provi bl-iskop li jkun deciz jekk l-ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha;

2. L-ewwel Qorti kellha quddiemha affidavit ta' PC 1425 u semghet *viva voce* lill-kwerelant u lill-appellant li ukoll xehedu mill-gdid quddiem din il-Qorti. Graham Borg xehed illi kien qed isuq rota gej mid-direzzjoni tan-Naxxar bl-intenzjoni li jinzel Burmarrad. Meta qabad ir-roundabout u kien halla l-hrug li jaghti ghall-Mosta, l-appellant gej mid-direzzjoni tar-Rabat isuq xarabank, naqas milli jieqaf fuq l-iStop Sign u baqa' hiereg ghal-fuq ir-roundabout bil-konsegwenza illi l-kwerelant spicca fuq in-naha l-hazina tat-triq. Huwa nnota li x-xufier kien qed jitkellem fuq it-telefon cellulari tieghu u meta gibed l-attenzjoni tas-sewwieq dan injorah. Il-kwerelant imbaghad halla lix-xarabank tghaddi, gie fuq ix-xellug taghha u bil-bieba tal-passiggiera miftuha kkonfronta lix-xufier u rah jimmanuvra l-*isteering* biex skond hu jghaffgu bejn id-double wheel u l-bankina meta allura c-ciklist ghafas il-brake u waqaf minnufih. Ix-xarabank kiser ghal fuq il-bankina u d-double wheel ta' wara telghet fuq il-bankina u ma laqatx lill-kwerelant b'centimetru. Aktar 'l quddiem, fejn hemm l-ispeed camera fi Triq Burmarrad, c-ciklist waqaf fit-traffiku u informa lill-appellant li kien ser jirrapurtah;

3. L-appellant xehed illi kien qed isuq xarabank fuq ir-rotta X3 gej minn naha tar-Rabat u sejjer lejn fid-direzzjoni ta' Burmarrad u dak il-hin kien bil-passiggieri. Huwa waqaf fuq il-Give Way tar-raoundabout fejn ukoll kien hemm hofra. Meta ra lill-kwerelant idur mar-roundabout cedielu biex jghaddi izda dan ghamillu mossa

baxxa b'subghajh tan-nofs minghajr ma jaf ghalfejn. Huwa jinnega li kien fuq it-telefon dak il-hin, li c-ciklist qatt spicca fuq ix-xellug bejn il-bankina u x-xarabank u li d-double wheel telghet il-bankina u spjega li din tal-ahhar hija haga impossibbli ghaliex manuvra kif spjega l-kwerelant tissarraf fid-double wheel tmur fid-direzzjoni opposta. Spjega ukoll illi l-allegat incident sehh fin-nizla ta' Triq Burmarrad u li kien impossibbli li c-ciklist jispicca fuq in-naha l-hazina tat-triq ghaliex malli thalli r-roundabout hemm central strip kbira u gholja;

4. L-ewwel Qorti ghazlet illi temmen il-verzjoni tac-ciklist bhala l-aktar wahda attendibbli. L-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali jirradika din il-fakolta lill-Qorti li tista' liberament tghazel verzjoni minn ohra. Meta Qorti tasal biex tipprolata l-gudizzju taghha radikat minn ghazla bejn verzjoni u ohra, huwa doveruz li jittiehdu in konsiderazzjoni l-fatti speci kollha tal-kaz. Tajjeb ukoll li jkun mfakkar dak wisq drabi ritenut mill-Qrati taghna illi, din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali ma tiddisturbax l-aprezzament u l-konkluzzjoni dwar fatti raggunti mill-Ewwel Qorti hlief jekk tkun konvinta li dik l-ewwel qorti ma setghetx, fuq il-provi li kellha quddiemha, ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha (ara in rigward, fost skorta ta' sentenzi ohra **Il-Pulizija vs Simon Paris App. Krim., 15.7.1996**);

5. Minn ezami taz-zewg verzjonijiet u minn fatti li din il-Qorti tista' tiehu *judicial notice* taghhom, jemergi illi minkejja li l-kwerelant jinsisti illi l-appellant hareg minn fuq Stop Sign minghajr ma waqaf, huwa ferm dubitat kemm fil-fatt fuq l-approcju ta' roundabout hemm Stop Sign u li aktar iva milli le, is-sinjal huwa ta' Give Way. Dan ifisser illi l-appellant kellu l-obbligu jaghti d-dritta lil min ikun qabad ir-roundabout, pero' l-accettazzjoni mill-ewwel Qorti li dik kienet Stop Sign u mhux Give Way ma kellhiex tkun bazata fuq ghazla minn verzjoni ghall-ohra izda kellha tkun bazata fuq fatt stabbilit mill-prosekuzzjoni li naturalment kien

mankanti. Tajjeb li jkun mfakkar ukoll li dan il-fatt wahdu kien ipotizzat fil-hames imputazzjoni;

6. Din il-Qorti irriskontrat ukoll inkonsistenzi fix-xhieda tal-kwerelant. Huwa jghid li meta l-appellant baqa' hiereg minn fuq l-Istop Sign, gie wicc mb'wicc mieghu u rah qed jitkellem fuq it-telefon. Fl-istess waqt jghid li minhabba f'hekk spicca fuq in-naha l-hazina tat-triq, jigifieri fin-nizla ta' Triq Burmarrad u kienet b'xorti li ma kienx gej traffiku mid-direzzjoni opposta. L-appellant jghid illi dan huwa impossibbli ghaliex proprju f'dik il-bicca hemm central stip kbira u gholja u li dan ifisser li c-ciklist kellu bhala konsegwenza jitla' din ic-central strip, haga li m'ghamilx;

7. Imbaghad hemm il-kwistjoni li l-appellant allegatament ttenta jghafas lill-kwerelant mal-bankina. Din il-fazi tal-incident sehhet hafna aktar 'l isfel mir-roundabout fejn it-triq tilwi b'mod akut fejn hemm ukoll d-dahla ghat-triq li taghti ghal-Bidnija. Il-kwerelant jghid illi kien l-appellant li lahaq mieghu izda minn dak li tista' tifhem din il-Qorti, kien c-ciklist li lahaq mieghu u dahal fuq ix-xellug tax-xarabank fejn allura allegatament kellu l-bieba tal-passiggieri miftuha waqt li kien ghaddej bil-passiggieri. Din il-Qorti talbet diversi drabi lill-kwerelant jispjega kif sehh dan l-incident u jidher manifest illi f'dak il-hin kien ragjonevolment skonvolt u ried juri d-disaprovazzjoni tieghu ghal-mod kif is-sewwieq tax-xarabank ma wera l-ebda rispett lejh bhala utent tat-triq. Din il-Qorti tifhmu bis-shih, izda fl-istess waqt trid tezercita certu kawzjoni dwar ir-rakkont ta' dak li sehh minn hemm 'l quddiem;

8. Jidher illi il-Pulizija Ezekuttiva ma tatx id-debita importanza ghal dan l-incident li kien jimmerita fil-minimu li ssir spezzjoni tal-bankina fejn allegatament telghet id-doublewheel tax-xarabank tal-appellant li dak il hin kienet fis-servizz bil-passiggieri;

9. Kwantu ghal fejn sehh ezattament dan l-incident, ic-citazzjoni tiddeskrivi b'mod korrett fejn beda, igifieri fi Triq il-Missjunarji Maltin, il-Mosta u certament ma kienx hemm il-htiega li tindika

fejn kompla u spicca ghaliex dik kienet indikazzjoni sufficjenti ghall-appellant biex ikun avzat dwar il-fatti tal-kaz;

10. Minn dan kollu jemergi illi l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkonkludi illi l-appellant saq b'nuqqas ta' kont (it-tielet imputazzjoni) meta baqa' hiereg ghal fuq ir-roundabout b'mod li ma tax id-dritta lill-kwerelant u waqt li kien qed juza b'idejh telefon cellulari (ir-raba' imputazzjoni). Dan ma jiswiex izda ghar-rigward tal-imputazzjonijiet l-ohra;

11. Ghal dawn ir-ragunijiet tiddisponi minn dan l-appell billi tilqa' l-istess kwantu l-ewwel, it-tieni, il-hames u is-sitt imputazzjoni u ghalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati tat-tielet u ir-raba' imputazzjoni, tirrevokha f'dik il-parti fejn sabitu hati tal-ewwel, it-tieni, il-hames u is-sitt imputazzjoni u tilliberah minnhom. Konsegwentement tirriformaha ukoll f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant ghal-terminu ta' xaharejn prigunerija u ssospendietlu l-licenzja tas-sewqan ghal-perjodu ta' tlett xhur, billi thassarha f'dik il-parti u minflok tikkundannah ghal-hlas ta' multa ta' mitejn u tletin euro (€230) u tiskwalifikah mil-licenzja tas-sewqan tieghu ghal-perjodu ta' hmistax-il jum li jibda jiddekorri minn nofs il-lejl tal-lum.